Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2026/0802(NLE)

16.2.2026

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità Bankarja Ewropea
(N10-0004/2026 – C10-0020/2026 – 2026/0802(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Aurore Lalucq

WERREJ

Paġna

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 5

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT 6

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità Bankarja Ewropea (N10-0004/2026 – C10-0020/2026 – 2026/0802(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-lista mqassra ta' kandidati kwalifikati għall-pożizzjoni ta' President tal-Awtorità Bankarja Ewropea mfassla mill-Bord tas-Superviżuri tagħha,

– wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2026 li tipproponi lil François-Louis Michaud bħala President tal-Awtorità Bankarja Ewropea (C10-0020/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2019 dwar il-bilanċ bejn is-sessi fin-nomini fis-settur tal-affarijiet ekonomiċi u monetarji tal-UE[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja: il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess wara l-impjieg fis-servizz pubbliku[3],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 135 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2026),

A. billi l-President attwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea rriżenja fl-31 ta' Jannar 2026;

B. billi l-Artikolu 48(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 jipprevedi li l-President tal-Awtorità Bankarja Ewropea għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-mertu, tal-ħiliet, tal-għarfien tal-istituzzjonijiet u s-swieq finanzjarji, u tal-esperjenza rilevanti għas-superviżjoni u r-regolamentazzjoni finanzjarja, wara proċedura tal-għażla miftuħa li għandha tirrispetta l-prinċipju tal-bilanċ bejn is-sessi;

C. billi, fl-4 ta' Frar 2026, il-Kunsill ippropona li, wara konferma mill-Parlament, jaħtar lil François-Louis Michaud bħala President tal-Awtorità Bankarja Ewropea għal mandat ta' ħames snin, f'konformità mal-Artikolu 48(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1093/oj.
[2] ĠU C 23, 21.1.2021, p. 105.
[3] Testi adottati, P9_TA(2020)0017.

D. billi, fil-25 ta' Frar 2026, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kellu seduta ta' smigħ ma' François-Louis Michaud, li fiha għamel stqarrija preliminari u mbagħad wieġeb għal mistoqsijiet li saru mill-membri tal-Kumitat;

1. [Jagħti/Jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu] għall-ħatra ta' François-Louis Michaud bħala President tal-Awtorità Bankarja Ewropea (u jitlob li tiġi rtirata l-proposta kif ukoll li tiġi ppreżentata proposta ġdida);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità Bankarja Ewropea kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport tfassal wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji eżerċita s-setgħat mogħtija lill-Parlament skont ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010, b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu, u wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji stabbilixxa proċeduri fil-kwistjoni tal-ħatriet għall-korpi regolatorji u superviżorji fil-qasam ekonomiku u finanzjarju.

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li fir-rapport tagħha ma inkludietx kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).